## 24 ta' Novembru, 1964.

***Imħallef:***

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Giorgia Bilocca

*versus*

Roger Lapira

**Mandat — Mandatarju — Imgħax — Art. 1980 u 2009 Kodiċi Ċivili.**

*Il-mandatarju għandu jagħti l-imgħaxijiet jekk ikun inqeda bis-somma għall-użu tiegħu stess mingħajr is-setgħa tal-mandant, minn dak in-nhar li jkun inqeda biha, u ta' kull somma oħra li tagħha ikun baqa' debitur, minn dak in-nhar illi jkun ġie mqiegħed in mora.*

*Il-Qorti,* rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi nomine — billi l-konvenut inkassa rikavat ta' flus franċiżi u sarrafhom u naqas li jħallas lill-attriċi nomine s-sehem spettanti lil mandanti tagħha (bħala legatarja ta' Robert Lapira), għalkemm il-konvenut ammetta id-dritt tal-attriċi nomine u l-attriċi nomine aċċettat li l-konvenut s'issa inkassa £532 u l-kontendenti jaqblu li s-sehem tal-mandanti tal-attriċi huwa deċimu; u billi l-konvenut sarraf il-flus mhux wara l-1 ta' Lulju, 1961 — talbet illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi nomine bl-imgħax legali mill-1 ta' Lulju, 1961, is-somma ta' tlieta u ħamsin lira u erba' xelini (£53.4.0d.) għas-sehem — ċioè deċimu — dovut lill-attriċi nomine mir-rikavat u tisrif ta' flus franċiżi, bl-ispejjeż — kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu, 1963, — kontra l-konvenut.

Omissis.

Rat a fol. 4 in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li d-domanda hija nfondata għaliex, barra li tħallsu l-ispejjes kollha, b'riserva tad-drittijiet tal-eċċipjent għall-amministrazzjoni in kwistjoni, sehem kull waħda mill-atturi jiġi wieħed u ħamsin lira; u barra minn dan l-attriċi Galea għadha debitriċi tal-eċċipjent in konnessjoni mal-pendenza dwar id-dar Numru 17 u 18, Boschetto Road, Rabat;

Omissis.

Peress illi anki dwar il-kumpens pretiż mill-konvenut jirriżulta mid-depożizzjoni ta' l-istess konvenut li dwar il-mandat lilu konferit biex isarraf il-franki franċiżi in kwistjoni u bex talvolta jamministra r-rikavat, qatt ma ġie stipulat kumpens, anzi huwa qatt ma semma' kumpens lil ħadd mill-interessati u ma esiġih minn ħadd minnhom, u għalhekk dan il-mandat jibqa' gratwit kif huwa preżunt mil-liġi;

Peress illi għal dak li jirrigwarda d-domanda għall-imgħax legali fuq l-imsemmija £53.4.0d. mill-1 ta' Lulju, 1961, data li l-attriċi tippretendi li l-konvenut sarraf il-franki franċiżi, għalkemm jirriżulta li l-konvenut sarrafhom f'Lulju, 1961, ma jirriżultax li huwa kellu nkariku biex jamministra r-rikavat tagħhom;

Peress illi skond il-liġi l-mandatarju għandu jagħti l-imgħaxijiet jekk ikun inqeda bis-somma għall-użu tiegħu stess mingħajr is-setgħa tal-mandant, minn dik in-nhar li jkun hekk inqeda biha, u ta' kull somma oħra li tagħha jkun baqa' debitur, minn dik in-nhar li jkun ġie mqiegħed in mora (art. 1980 Kod. Ċiv.).

Peress illi l-attriċi nomine ma ippruvatx li l-konvenut inqeda bis-somma ta' £53.4.0d. jew b'xi parti minnha għall-użu personali tiegħu stess, u ma qeditux in mora ħlief mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu, 1963 minn liema

data għalhekk għandhom jiddekorru l-imgħax legali fuq issomma ta' £53.4.0d. fuq imsemmija;

Peress illi ma jirriżultax minn imkien ieħor li fil-fatt issorti irrendiet xi frutti (art. 2009 Kod. Ċv.);

Peress illi d-differenza bejn it-total tas-sorti u imgħax sal-preżentata taċ-ċitazzjoni meta dawn ta' l-aħħar jiġu kalkolati mill-1 ta' Lulju, 1961, u meta jiġu kalkolati mill-ħabta tat-8 ta' Marzu, 1963, tekwivali għal xi ottava parti;

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża adeżivament għall-istanza tal-attriċi b'dan li l-imgħax legali fuq imsemmija sorti ta' £53.4.0d. għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu, 1963. L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal seba' partijiet minn tmienja (7/8) mill-konvenut u kwantu għar-rimanenti ottava parti (1/8) mill-attriċi.